



Kumitat għall-Affarijiet Legali

2020/2143(DEC)

15.12.2020

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019, Taqsima IV – Il-Qorti tal-Ġustizzja (2020/2143(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Gilles Lebreton

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota r-rata sodisfaċenti ta' użu (98,7 %) tal-appropriazzjonijiet finali fl-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2019, li ammontat għal EUR 429 miljun, għalkemm hija xi ftit inqas minn dik tal-2018 (99,18 %);
2. Jilqa' l-bidla fl-istruttura tar-rapport dwar il-ġestjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' din is-sena, li jippreżenta l-informazzjoni b'mod aktar ċar u li jinftiehem;
3. Jissottolinja li d-distribuzzjoni tal-persunal skont is-settur ta' attività għada simili għal dik tas-snin preċedenti; Mill-inqas 86 % tal-karigi huma okkupati minn persunal li jwettaq funzjonijiet gudidzjarji u lingwistiċi; jinnota li r-rata ta' okkupazzjoni tal-karigi baqgħet għolja ħafna fl-2019 (97 %) minħabba livell dejjem għoli ta' attività gudidzjarji li jeħtieġ reklutaġġ ottimali u rapidu għall-postijiet kollha li jkunu saru vakanti;
4. Jilqa' l-fatt li t-tul medju tal-proċeduri fil-Qorti tal-Ġustizzja naqas fl-2019 (14,4 xahar meta mqabbel ma' 15,7 xahar fl-2018), u li t-tul medju tal-proċeduri tal-Qorti Ġenerali naqas b'mod sinifikanti (16,9 xahar meta mqabbel ma' 20 xahar fl-2018); jinnota, madankollu, li dan għadu ogħla minn dak tal-2017 (16,4 xahar);
5. Jinnota li, b'mod ġenerali, iż-żewġ qrati li jiffurmaw il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għalqu 1 739 kawża fl-2019, u dan jirrappreżenta produttività sinifikanti minkejja li hija ftit anqas minn dik tal-2018 (1 769 kawża); jinnota, barra minn hekk, li l-għadd totali ta' kawżi mressqa quddiem iż-żewġ qrati laħaq livell rekord, b'1 905 kawża meta mqabbla ma' 1 683 kawża fl-2018, u f'dan il-kuntest jilqa' l-introduzzjoni, mill-1 ta' Mejju 2020, tal-mekkaniżmu għall-ammissjoni minn qabel tal-appelli, li għandu jtaffi l-piż tax-xogħol fil-Qorti tal-Ġustizzja;
6. Jissottolinja l-iżvilupp tal-kooperazzjoni mal-imħallfin nazzjonali, li minnhom 2 824 intlaqgħu fil-Qorti għal seminars, taħriġ, żjarat jew traineeships fl-2019, meta mqabbla ma' 2 292 fl-2018;
7. Jenfasizza li l-Qorti tal-Ġustizzja rreġistrat għadd kbir ta' kawżi ġodda introdotti fl-2019 (966), li jirrappreżentaw żieda ta' 13.78 % meta mqabbla mal-2018; jirimarka li numru kbir ta' kawżi ġodda tressqu wkoll quddiem il-Qorti Ġenerali fl-2019, li ammonta għal 939 meta mqabbel mal-ammont ta' 834 fl-2018; jilqa' l-għadd rekord ta' kawżi magħluqa fil-Qorti (865), jiġifieri żieda ta' 13.8 % fuq is-sena preċedenti; jinnota bi tħassib li l-għadd ta' kawżi magħluqa fil-Qorti Ġenerali fl-2019 (874) huwa ferm inqas minn dak fl-2018 (1 009);
8. Jieħu nota taż-żieda ta' madwar 7 % fl-għadd ta' kawżi pendenti meta mqabbel mal-2018 (2 500 kawża pendenti fil-31 ta' Diċembru 2019 meta mqabbla ma' 2 334 fis-sena ta' qabel);
9. Ifakkar li fl-2019 il-kawżi eżaminati mill-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali kienu

jikkonċernaw, fil-każ tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kompetizzjoni u l-ghajjnuna mill-Istat u l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u, fil-każ tal-Qorti Ġenerali, l-ghajjnuna mill-Istat u l-proprjetà intellettwali u industrijali; jinnota li fil-Qorti Ġenerali, il-kawżi prinċipali baqgħu l-istess bejn l-2018 u l-2019, filwaqt li l-kawżi prinċipali eżaminati mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-2018 kienu jikkonċernaw il-libertà ta' moviment u ta' stabbiliment, is-suq intern u l-proprjetà intellettwali u industrijali, flimkien ma' dawk relatati mal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja;

10. Jilqa' ż-żieda kostanti fin-numru ta' konnessjonijiet għall-applikazzjoni e-Curia (6 588 fl-2019 meta mqabbla ma' 4 865 fl-2018) u l-użu tagħha mill-Istati Membri kollha, li juri kemm li l-pjattaforma hija effettiva u li l-pubbliku huwa aktar konxju mill-eżistenza, l-effiċjenza, il-veloċità u l-benefiċċji ta' din l-applikazzjoni; jilqa', barra minn hekk, il-fatt li l-persentaġġ ta' dokumenti proċedurali ppreżentati fuq e-Curia qed jiżdied, 93 % fil-każ tal-Qorti Ġenerali (meta mqabbel ma' 85 % fl-2018) u 80 % fil-każ tal-Qorti tal-Ġustizzja (meta mqabbel ma' 75 % fl-2018);
11. Jenfasizza l-iżvilupp pożittiv tan-"Network Ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea" (RJUE) u jifraħ lill-Qorti tal-Ġustizzja talli ppromwoviet it-trasparenza billi għamlet disponibbli fuq is-sit web tagħha fl-2019 dokumenti proċedurali u dottrinali li ġejjin tal-pjattaforma RJUE, kif irrakkomandat mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali¹; jilqa' l-progress li sar fil-qasam diġitali, b'mod partikolari fil-forma tal-għodda l-ġdida tad-"dokumentazzjoni ġudizzjarja", li tiffaċilita l-aċċess għad-dokumentazzjoni u l-informazzjoni rilevanti għat-trattament ta' ċerti kawżi mressqa quddiem il-Qorti;
12. Jinnota li fl-2019 il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali rreġistraw rispettivament it-tluq ta' 5 u 8 Membri u l-wasla ta' 4 Membri u 14-il Membru; jinnota li n-numru ta' mħallfin fil-Qorti Ġenerali issa jammonta għal 52, f'konformità mad-deċiżjoni li gradwalment jiġi rduppjat in-numru ta' mħallfin; Jinnota li l-kwalità tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji u r-riforma li għaddejja tal-Qorti Ġenerali ma kinux parti mir-rieżami tal-Qorti tal-Awdituri fl-2017, iżda li l-Qorti tirreferi għall-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2015/2422, li jiddikjara li "[s]as-26 ta' Diċembru 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tfassal rapport [...] għall-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-funzjonament tal-Qorti Ġenerali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni [...], [b]mod partikolari [...] fuq [...] il-ħtieġa u l-effikaċja taż-żieda għal 56 Imħallef, l-użu u l-effikaċja tar-riżorsi u l-istabbiliment ulterjuri ta' awli speċjalizzati u/jew tibdiliet strutturali oħrajn"²;
13. Jilqa' l-fatt li l-persentaġġ ta' nisa f'pożizzjonijiet maniġerjali, li laħaq 39 % fl-2019 meta mqabbel ma' 37,5 % fl-2018, kompli jżied, u jinkoraġġixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tkompli tagħmel dan billi tippromwovi b'mod attiv l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fil-ħatra tal-imħallfin, filwaqt li tkompli tiffoka fuq il-ħiliet tal-kandidati .

¹Opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima IV - Il-Qorti tal-Ġustizzja (2019/2058(DEC)), il-paragrafu 12.

² Rapport Speċjali 14/2017, "Analiżi tal-prestazzjoni tal-ġestjoni ta' kawżi fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea".

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	10.12.2020
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 16 -: 5 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Gunnar Beck, Geoffroy Didier, Angel Dzhambazki, Ibán García Del Blanco, Jean-Paul Garraud, Esteban González Pons, Sergey Lagodinsky, Gilles Lebreton, Karen Melchior, Jiří Pospíšil, Franco Roberti, Marcos Ros Sempere, Stéphane Séjourné, Raffaele Stancanelli, Adrián Vázquez Lázara, Axel Voss, Marion Walsmann, Tiemo Wölken
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Daniel Buda, Pascal Durand, Heidi Hautala, Emmanuel Maurel, Sabrina Pignedoli, Bettina Vollath
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Juan Ignacio Zoido Álvarez

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

16	+
EPP	Daniel Buda, Geoffroy Didier, Esteban González Pons, Jiří Pospíšil, Axel Voss, Marion Walsmann, Juan Ignacio Zoido Álvarez
RENEW	Karen Melchior, Adrián Vázquez Lázara
ID	Gunnar Beck, Jean-Paul Garraud, Gilles Lebreton
GREENS/EFA	Sergey Lagodinsky
ECR	Angel Dzhambazki, Raffaele Stancanelli
NI	Sabrina Pignedoli

5	-
S&D	Ibán García Del Blanco
RENEW	Pascal Durand, Stéphane Séjourné
GREENS/EFA	Heidi Hautala
GUE/NGL	Emmanuel Maurel

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni